StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

| **Il-ĦAMES SENA** | **L-ISTORJA (ĠENERALI)** | **IL- ĦIN: Siegħa u tliet kwart** |
|---|---|---|

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwar iċ-ċiviltajiet antiki ta' madwar il-Mediterran.**




1.1 Fuq il-mappa ikteb l-ittri minn A sa G biex turi fejn jinsabu dawn il-fdalijiet ta' ċiviltajiet antiki. (7)

A. L-Alhambra
B. Kartaġni
C. Ruma
D. Sabrata
E. Agriġento
F. L-Akropoli
G. Il-Piramidi

1.2 Qiegħed dawn il-fdalijiet wara xulxin billi tikteb numri minn 1 sa 3 fil-kaxxi. Ikteb in-numru wieħed għal dak l-aktar imbiegħed fiż-żmien. (1)

**Sors A**



**Sors B**



**Sors C**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1.3 Għal kull waħda minnhom għid ma' liema ċiviltà hija marbuta.

Sors A: ________________ Sors B: ________________ Sors C: ________________ (

1.4 X'użu kellhom kull wieħed minn dawn il-fdalijiet.

Sors A: ____________________________________________________

Sors B: ____________________________________________________

Sors C: ____________________________________________________ (3)

1.5 Ħafna minn dawn huma Siti ta' Wirt Dinji (*World Heritage Sites).* X'tifhem b'din il-frażi u għaliex taħseb jistħoqqilhom ikunu hekk? (2)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**(Total: 16-il marka)**

**2. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**




**A**




**B**



**C**



**D**

2.1 Arma ____________ qatt ma kienet l-arma nazzjonali ta' Malta. (1)

2.2 Arma ____________ hi l-arma ta' pajjiżna llum. (1)

2.3 Arma ____________ kienet l-arma ta' Malta meta saret stat indipendenti fl-1964. (1)

2.4 Arma ____________ saret l-arma ta' Malta meta pajjiżna sar repubblika fl-1974. (1)

2.5 Semmi **żewġ** simboli nazzjonali oħra.

______________________________ ______________________________ (2)

2.6 Semmi **żewġ** drawwiet tradizzjonali Maltin li huma marbuta mal-identità Maltija.

______________________________ ______________________________ (2)

**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi wara wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-karatteristi kampanja Maltija.**

**Sors D**



**Sors E**



3.1 Il-ġebla tal-franka tintuża ħafna fil-gżejjer Maltin. Semmi **tliet** karatteristiċi li wieħed jista' jara f'razzett bħal dak li hemm f'Sors D.

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

3.2 Semmi **żewġ** użi tal-ħitan murija f'Sors E.

______________________________

______________________________ (2)

3.3 Liema **tliet** affarijiet wieħed jista' faċilment isib fil-parti l-qadima ta' raħal tipiku Malti?

(a) supermarket (b) każini (c) fabbriki (d) lukandi
(e) sqaqien u toroq dojoq (f) *playing field* (g) giren (h) misraħ u zuntier (3)

3.4 Għaliex f'ħafna rħula antiki Maltin insibu għadd kbir ta' niċeċ bi statwi tal-qaddisin fil-kantunieri tat-toroq ?

______________________________

______________________________ (2)

3.5 Issuġġerixxi **żewġ** affarijiet li bihom tista' tagħmel raħal tipiku Malti iktar attraenti għall-barranin li jżuruh.

______________________________

______________________________ (2)

**(Total: 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Ħares sewwa lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-qagħda stra**
**Malta.**



F’**Sors F** qegħdin naraw xini dieħel bil-provvisti għas-suldati waqt il-Gwerra tal-Krimea (1854-1856).

4.1 Agħmel sinjal taħt **żewġ** modi kif Malta għenet lill-Ingilterra waqt il-Gwerra tal-Krimea:

(a) biex jinbnew il-vapuri tal-gwerra,
(b) biex jinġiebu suldati feruti fil-ġlied,
(c) biex jaħżnu munizzjon u tagħmir ieħor tal-gwerra,
(d) biex jibnu batteriji bil-kanuni kontra l-ħbit tal-għadu,
(e) biex isewwu l-ajruplani tal-gwerra. (2)

4.2 Għaliex is-sehem ta’ Malta f’dik il-gwerra kien ta’ ġid għall-ekonomija Maltija ?

______________________________________________________________ (2)

4.3 Għid kif il-ftuħ tal-Kanal ta’ Swejz fl-1869 serva biex jitkattar il-ġid f’Malta.

______________________________________________________________ (2)

4.4.1 Liema industrija kienet tmur l-aktar tajjeb bil-preżenza ta’ xwieni u vapuri fil-Port il-Kbir?

(a) il-biedja (b) it-turiżmu (c) it-tarzna (d) il-qoton (e) is-sajd (1)

4.4.2 Għaliex din l-industrija tilfet ħafna mill-importanza tagħha tul is-snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija ?

______________________________________________________________ (1)

**(Total : 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi dwar l-Unjoni Ewropea u wara wieġeb il-mistoq[illegible]a.**



**Sors G** huwa ritratt ta' Jean Monnet u Robert Schumann, l-imħuħ wara l-ħolqien tal-Unjoni Ewropea.



**Sors H**

5.1 Semmi **żewġ** għanijiet għaliex twaqqfet l-Unjoni Ewropea.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

5.2 Spjega kif Malta resqet aktar qrib tal-Unjoni Ewropea fis-16 ta' Lulju 1990?

____________________________________________ (1)

5.3 X'kellu jsir f'Malta **qabel** tintlaqa' t-talba tagħha għal sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea?

(a) tirranġa t-toroq (b) tbiddel xi liġijiet (c) iddaħħal computers fl-iskejjel (1)

5.4 L-alternattiva tal-Gvern Malti wara l-elezzjoni ġenerali tal-1996 flok sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea kienet:

(a) Għaqda Mediterranja (b) Integration (c) Partnership (1)

5.5 Agħti **żewġ** modi kif l-Unjoni Ewropea affettwat il-ħajja tal-Maltin.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

5.6 X'qiegħed isir fir-ritratt f'Sors H?

____________________________________________ (1)

5.7 Semmi personaġġ wieħed li hemm fir-ritratt ta' sors H u għid x'kariga kellu dak iż-żmien.

____________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6. Ħares sewwa lejn dan is-sors dwar il-Preistorja Maltija u wara wieġeb il-mistoqsij**



**Sors I** juri t-Tempji tal-Imnajdra.

6.1 X'jissejjaħ il-ġebel li bih huwa mibni dan it-tempju?

______________________________ (1)

6.2 X'sar milux biex it-tempji tal-Imnajdra u oħrajn viċin tiegħu jiġu protetti mill-qilla tat-temp?

______________________________

______________________________

______________________________ (2)

6.3 X'laqtek l-iżjed waqt żjara f'xi tempju ta' Żmien ir-Ram?

______________________________

______________________________ (2)

6.4 X'effett kellha l-invenzjoni tal-kitba fuq il-ħajja tal-bniedem?

______________________________ (1)

6.5 Agħti **żewġ** raġunijiet għala għandna nieħdu ħsieb il-wirt preistoriku ta' Malta.

______________________________

______________________________ (2)

**(Total: 8 marki)**

**7. Aqra sewwa din is-silta dwar il-Preistorja Maltija u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

'Fattur kurjuż ħafna huwa l-mod kif it-tempji jinsabu fi gruppi. L-erbgħa u għoxrin tempju jinsabu mifruxin fuq erbatax-il sit. Għalkemm hemm xi wħud jiffurmaw tempju wieħed bħal Borġ in-Nadur u Tal-Qadi, hemm diversi pari. Hemm xi għoxrin li jiffurmaw tliet tempji mwaħħlin ma' xulxin u nsibu wieħed, dak ta' Ħal Tarxien, li jikkonsisti f'erba' tempji. Huwa diffiċli li wieħed jasal għal konklużjoni dwar x'seta' kien il-ħsieb tan-nies li bnewhom. F'kull każ, il-bini ta' dawn it-tempji sar f'fażijiet differenti. Dan jidher mill-pjanta u t-tqassim tagħhom kif ukoll mill-fdalijiet li nsabu assoċjati magħhom.'

**Sors J** addattat minn *Malta Prehistory and Temples*, David H. Trump & Daniel Cilia, p. 89.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7.1 Sors J huwa PRIMARJU jew SEKONDARJU? ______________________________

7.2 Għaliex taħseb li kien hawn ħafna tempji f'Malta?

______________________________________________________________ (2)

7.3 Semmi **erba'** tempji oħra (mhux imsemmija fis-silta) li nstabu fil-Gżejjer Maltin.

______________________________ ______________________________

______________________________ ______________________________ (2)

7.4 Taħseb li kien faċli li jinbnew tempji bħal dawn? Għaliex?

______________________________________________________________ (2)

7.5 Fis-sors jissemma l-post **Borġ in-Nadur**. Xi fdalijiet oħra nstabu f'dan is-sit?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

7.6 Is-sit arkeoloġiku f'Ħal Tarxien intuża kemm fi Żmien it-Tempji kif ukoll fi Żmien il-Bronż. X'evidenza hemm li turi dan?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

7.7 F'Ħal Saflieni hemm sit arkeoloġiku importanti mħaffer taħt l-art. X'jissejjaħ dan il-post? Semmi **żewġ** affarijiet interessanti li naraw fih.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

7.8 Għid xi jfissru dawn il-kelmiet: arkeoloġija, dolmen, menhir, raddi tar-roti.

(a) arkeoloġija: ______________________________________________

(b) dolmen: ______________________________________________

(c) menhir: ______________________________________________

(d) raddi tar-roti: ______________________________________________ (4)

**(Total: 18-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Agħżel wieħed minn dawn it-temi u ikteb fit-tul dwaru.**

1. Ikteb dak li taf dwar iċ-Ċiviltà Eġizzjana tal-Qedem.
2. Ikteb dwar il-fdalijiet taċ-Ċiviltà Rumana li nstabu f'Malta. Kif nistgħu nikkonkludu li r-Rumani kienu laħqu livell għoli ta' progress għal dak iż-żmien?
3. Kif għandu jiġi mħares il-wirt storiku ta' pajjiżna? X'qed jagħmel il-Gvern u għaqdiet nongovernattivi (NGOs) sabiex jintlaħaq dan il-għan?
4. X'bidliet saru fid-drawwiet u fl-istil ta' ħajja tal-Maltin f'dawn l-aħħar mitt sena?

**(Total: 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers